**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

# *Rapport Amministrattiv Annwali*

## *Għas-Sena 2015*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2015.

Matul l-2015, kien fit-tielet sena tas-7 Leġislatura tiegħu

Il-Kunsill preżenti li huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat-Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sinjura Elizabeth Ebejer u is-Sur Mario Sammut bħala Kunsilliera.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunita' u għaldaqstant, minbarra l'irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet u proġetti bl-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita'. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2015.

B' kollox, matul l-2014, issejjħu 15 -il seduta tal-Kunsill. Dan ifisser laqgha kull ftit aktar minn tliet ġimgħat, meta il-liġi tal-Kunsill Lokali tobligana li nsejħu seduta sa' mhux aktar tard minn 5 ġimgħat.

### Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita' hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha nies li jkunu ħadmu b' risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Matul is-serata ta' 2015, Mario Vassallo u Mary Camilleri ingħataw Rikonoxximent filwaqt li Sue Schembri ingħatat Ġieħ l-Imġarr. Is-Sinjorina Anthea Vella ingħatat l-Unur taż-Żgħażagħ.

### Festa Frawli

Attivita' oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f' din l-attivita'u din is-sena applika b'suċċess għal-fondi tal-iskema għal inizjattivi

L-attivita' saret tiġbed numru impressjonanti ta' nies minn kull settur tas-soċjeta' fosthom diversi personaġġi distinti, politiċi u din is-sena tal-Eċċellenza Tagħha, il-President tar-Repubblika, Marie Louise Coleiro Preca.

Ġiet organizzata wkoll Lejla Mġarrija għal sena oħra fix-xahar ta' Awwissu, ftit qabel il-festa. Din tkun opportunita' oħra fejn l-Imġarr juri ħilietu u t-tradizzjonijiet tiegħu. Okkazzjoni agrikola oħra li qed tieħu postha fil-kalendarju tal-attivitajiet hija Frott il-Bidwi Imġarri fiż-Żebbiegħ.

### Korsijiet

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni

tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' crafts, dekorazzjonijiet tal-kejkiet u pasti, korsijiet tal-fotografija, kif ukoll diversi taħdiet edukattivi fil-bini tal-Kunsill. Bħalissa qed isiru wkoll sensiela ta' taħditiet dwar suġġetti b' laqta' Mġarrija biex il-wirt tal-lokal jiġi ppreservat. Saru wkoll diskussjonijiet edukattivi marbuta ma' wirjiet li saru fil-Kunsill.

Fuq l-istess nota kulturali, wieħed ma jistax ma jsemmix li l-Kunsill jospita l-uniku mużew ta' Arti Kontemporanja li nsibu fil-gżejjer Maltin, bix-xogħolijiet artistiċi li tesebixxi Dame Francoise Tempra. Matul l-2015, il-Kunsill ospita il-ftuħ tal-Bienale del Arte kif ukoll numru ta' eżibizzjonijiet artistiċi oħra.

## Restawr

Tkompla il-proġett tar-resawr tas-sit tal-Għasfura fejn il-Kunsill, flimkien mal-Universita' ta' Malta u l-HSBC (Malta) Foundation, qed jirriġenera sit taż-żmien l-Ingliżi. Ġew irranġati numru ta' ħitan tas-sejjieħ fil-madwar, kif ukoll għaddej ħmielu ix-xogħol fuq l-aperturi fejn ix-xogħol tal-ħadid tlesta u ix-xogħol tal-injam jonqsu biss ftit żmien biex jiġi ffinalizzat. Saru diversi laqgħat ta' koordinament ta' dan il-proġett, b' rappreżentanza tal-HSBC (Malta) Foundation, l-Universita' ta' Malta u l-Kunsill.

## Toroq

It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali. Ix-xitwa tal-2015 kienet waħda kiefra b' bosta maltempati u xita qalila li ħallew warajhom ħafna ħsarat

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

fit-toroq. Għaldaqstant, il-ħidma f' dan ir-rigward kienet aktar iebsa, u għalhekk aktar apprezzata.

## Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt. Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' Heritage Malta biex jiġi esplorati metodi u proċeduri li jkomplu jtejbu dan is-servizz.

B' rabta mal-ħarsien tal-Wirt Storiku, speċjalment l-element preistoriku, il-Kunsill ħaseb sabiex jikkoordina it-tebgħa tal-istudju ta' Dr David H. Trump dwar Skorba fl-okkazzjoni tal-50 sena mill-ewwel pubblikazzjoni tagħhom. F' Diċembru saret il-preżentazzjoni ta' dan il-proġett fejn l-ewwel ktieb ġie ippreżentat lil Dr. Trump fil-preżenza tas-Sinjura Trump.

## Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani

Is-Servizz tad-Day Care Centre ospitat fil-bini tal-Kunsill kompla jissaħħaħ billi issa qed jinfetaħ ukoll nhar tat-Tlieta kif ukoll nhar ta' Ġimgħa.
L-anzjani ikollhom diversi avveniment biex jiġu assikurati minn anżjanita' ħolistika u attiva, fosthom diskussjonijiet, tagħlim, ħruġ edukattiv, parteċipazzjoni fi' sport, crafts, festini u aktar.
Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza. Hafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Kuntatt mar-Residenti

Il-Kunsill iżomm kuntatt dirett mar-residenti permezz ta' diversi leaflets informattivi fir-residenti. Wieħed jista jgħid faċilment (u kien hemm minn ġieli irramarka) li il-Kunsill tal-Imġarr huwa wieħed mill-aktar Kunsill li jibgħat informazzjoni fid-djar. Hafna drabi, din l-informazzjoni issir 'in house' mill-membri tal-istaff, u ta' dan nirringrazzjawhom.

Barra minn hekk, il-Kunsill iżomm kuntatt ukoll permezz tal-paġna ta' facebook. Din il-paġna isservi ta' notice board għall-dak kollu li jkun qiegħed iwettaq il-Kunsill kif ukoll sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jikkuntaattjaw lill-Kunsill. Attwalment hemm aktar minn 1100 persuna jsegwu din il-paġna - b' 300 minnhom jiżdiedu matul l-2015.

Ġie ukoll introdott sistema ta' internet b' xejn fil-bini tal-Kunsill, kemm b-investiment tat-3 routers mill-kunsill (wieħed fuq kull sular), iżda wkoll bis-sistema tal-MCA Free Wifi li mhux biss issa qed jiġi offrut barra quddiem il-Kunsill, imma wkoll fil-bini tal-Kunsill.

## Youth Exchanges

Matul l-2014 il-Kunsill ipparteċipa f' numru ta' Youth Exchanges f' Wales, l-Italja, it-Turkija u l-Polonja. Saru ukoll żewġ Leadership Trainingships fl-Italja u t-Turkija kif ukoll Sports Exchange f' Lagostanto, l-Italja. Ipparteċipaw numru mdaqqas ta' żgħażagħ u mexxejja. Permezz ta' dawn l-iskambji, iż-żgħażagħ jitħalltu ma' nies oħra t' amparhom minn artijiet u kulturi differenti u dan jgħinhom jinfetħu għall-aktar ideat u innovvazzjonijiet, barra minn ħbiberiji ġodda.

***Sindku*** *: Paul Vella* ***Viċi Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv*** *: Cyprian Dalli*

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

### Kooperazzjoni ma' Lokalitajiet Barrannin

Matul l-2014, il-Kunsill ħaseb li jkompli jsaħħaħ ir-rapporti tal-kooperazzjoni mal-lokalita' Taljana ta' Lagosanto, fir-reġġjun tal-Emilia Romagna. Din il-lokalita' hija magħrufa għat-tkabbir tal-frawli kif ukoll għall-avveniment annwali li togranizza, is-Sagra della Fragola.

Fl-2015 saret it-talba formali lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jiġi ffirmat ftehim ta' ġemelaġġ uffiċċjali ma' din il-lokalita'. Il-pjan tal-Kunsill hu li dan il-ftehim jiġi ffirmat fl-Imġarr matul Festa Frawli tal-2016.

### Beach Cleanups

Matul is-sajf saru numru ta' Beach Cleanups fil-bajjiet tal-Imġarr u fl-inħawi tal-lokalita'. Dawn saru fuq bażi volontarja minn għaqdiet ta' studenti u ħaddiema. Il-Kunsill ħa ħsieb jipprovdi koordinament u l-iskips biex tneħħa l-imbarazz kollhu li tneħħa. Waħda mill-aktar clean ups li kienu suċċess matul l-2015 saret mill-Ambaxxata tal-Istati Uniti, immexxija mill-Ambaxxatriċi innifisha, Gina Abercrombie Winstanley.

### Manutenzjoni tal-Bandli

wieħed mill-aktar proġetti importanti u kbar li fuqu ħadem il-Kunsill matul l-2015 kien l-immodernizzar tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew. B' investiment ta' €125,000, li ġejjin kollha mill-fondi tal-MEPA imsejjħa UIF (Urban Improvement Funds), dan il-proġett ta' bixra isbaħ, moderna, aktar sigura u aktar stimulanti

lill-dawn il-bandli. Bħalissa qed issir l-aħħar ċertifikazzjoni fuq dan is-sit sabiex inkun ċerti li ix-xogħol kollu sar kif suppost, kif mitlub u kif mifthiem.

**Sports**

Il-Kunsill kompla jagħti is-sapport tiegħu lill-għaqdiet sportivi tal-lokalita'. Fl-istess ħin ukoll il-Kunsill ospita għadd ta' tlielaq sportivi, fosthom tlielaq tal-karozzi fit-telgħa tal-Ġnejna, tlielaq tar-roti parti mit-Tour ta' Malta, parti mill-kampjonat internazzjonali tal-Cross Triathlon kif ukoll għat-tielet darba konsekuttiva il-Kampjonat Nazzjonali tal-Mountain Running, bil-premjazzjoni tar-rebbieħa issir fil-bini tal-Kunsill. Għall-ewwel darba wkoll saret tellieqa ta' ġiri fit-triq mill-Mellieħa AC fil-lokalita' tagħna fuq id-distanza ta' 10KM.

**Tenders**

Matul is-sena il-Kunsill ħareġ lista ta' 9 Tenders u 3 Kwotazzjoni. Dan biex jassigura effiċjenza, servizz aħjar u mmanniġjar aħjar tar-risorsi tiegħu. wieħed mill-aktar importanti matul l-2015 kien dak tal-ġbir tal-iskart. Dan l-eżerċizzju issarraf f' ammont sostanzjali ta' infieq inqas għall-kunsill. Il-Kunsill qiegħed issa jonfoq anqas anke fuq il-manutenzjoni tal-lattrini pubbliċi kif ukoll fuq it-tindif tat-toroq.

## Il-Proġett tal-Miżura 313

Matul l-aħħar sena, intensifika u twassal fi' tmiemu b' suċċess il-proġett tal-Miżura 313 li kien jinkludi it-tfassil ta' Rural Heritage Trail madwar il-lokalita', it-twaħħil ta' sinjali informattivi matul dan it-trail, il-pubblikazzjoni ta' fuljett informattiv dwar postijiet ta' interess kulturali, storiku u soċjali fil-lokalita' kif ukoll l-installazzjoni ta' bankina u irranġar fil-kisra tat-triq Għajn Tuffieħa. Dan il-proġett li ġie jiswa' mal-160,000Ewro, qed ikun iffananzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja li jiġu amministrati mill-Majjistal Leader Action Group. Dan il-proġett ġie inawgurat uffiċċjalment mill-Onorevoli Ian Borg u l-Onorevoli Stefan Buontempo fl-ewwel jiem ta' din is-sena.

## Ġbir ta' Skart

Fuq l-istess suġġett tal-ġbir ta' skart, tajjeb wieħed issemmi li kien hemm investiment b' saħħtu mill-Kunsill fejn jidħol il-ġbir ta' skart u l-indafa ġol-Imġarr. Twaħħlet sistema ta' CCTV fi' Triq San Pietru li issa ser tkun trasferita fi' Triq Ganfra għall-ġdejn il-Bring In Site. Kompla jiġi offrut is-servizz tal-ġbir ta' skart goff kull ġimgħa mir-residenzi.

Matul l-2015, il-Kunsill laħaq ftehim mal-kuntrattur il-ġdid tal-iskart sabiex tibda issir distinzzjoni bejn l-iskart domestiku u l-iskart iġġenerat mill-ħwienet u l-istabilliment tal-ikel. Dan l-eżerċizzju qiegħed jiffranka somma sostanzjali lill-Kunsill.

L-Imġarr huwa wieħed mill-aktar lokalitajiet li jinġabar skart riċiklabbli per capita f' Malta. Għall dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill tagħna intgħażel sabiex ftit ġimgħat ilu sar wieħed mill-ewwel 10 lokalitajiet ta' Malta li bdew il-proġett pilota tal-ġbir tal-iskart organiku. Bħala rikonoxximent tal-isforzi tal-Kunsill għall-ambjent aktar nadif, il-Kunsill irċieva rikonoxximent mill-

GreenMT matul l-2015 bħala lokalita' fuq quddiem nett fejn jidħol il-ġbir ta' skart riċiklabbli.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta' skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex jintrema' l-iskart. Għal-dan il-għan, il-Kunsill beda' jqassam kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart fil-btajjel pubbliċi għas-sena li tkun għada kemm bdiet, biex il-familji ikunu jistgħu jippjanaw bil-quddiem.

## Servizzi offruti fil-Kunsill

Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta' persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta' servizzi li llum indraw bħal ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart riċiklat qed ikun ta' utilita' kbira għar-residenti.

## Ħaddiema Klerikali

Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## *Handymen* tal-Kunsill

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ handymen. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f' kundizzjoni tajba permezz ta' patching u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa. Huma jarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organiżżata xi attivita bħal Ġieħ Mġarr u Festa Frawli.

## Finanzji tal-Kunsill

Matul is-sena 2015 il-Kunsill ħadem b' għaqal u perseverenza sabiex imexxi il-proġetti tiegħu b' finanzjamenti li kull ma jmorru dejjem qed ikunu issikati. Fejn jidħlu oqsma li l-Kunsill għandu responsabbilta' u mmaniġjar dirett, il-Kunsill irnexxilu jiffranka il-flus, speċjalment fil-kuntratti ġodda, fl-amministrazzjoni u it-tmexxija tal-uffiċċju, etc. il-Kunsill investa sommom sostanzjali ta' flus fil-proġetti tiegħu matul is-sena li għaddiet. Uħud minn dawn il-flus huma maħsubin li jerġgħu jgħaddu fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill, filwaqt li flus oħra kienu investiti direttament mill-finanzjamenti tal-kunsill. Madanakollu, dan kellu impatt qawwi fuq l-eżerċizzji finanzjarji tas-sena l-oħra. Kien biss b' ħafna għaqal u ppjanar fit-tul li l-Kunsill irnexxilu jrażżan id-deficit biex ma jispiċċax bit-telf fl-aħħar tal-2015. Il-Kunsill għandu jiġbor aktar minn 150,000 Ewro li wieħed jittama, l-entitajiet kollha konċernati iżommu kelmiethom u jgħaddu dawn il-finanzjamenti mill-aktar fis possible sabiex il-Kunsill jerġa' jieħu ir-ruħ u jkompli jħaddar il-proġetti tiegħu.

## Konklużjoni

Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku*** *: Paul Vella* ***Viċi Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv*** *: Cyprian Dalli*